**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU DISGĦA**

**16 ta' DIĊEMBRU, 2015**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Il-Kunsilliera s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, Dr Jean Pierre Attard, s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Dino Bonnici u s-Sur David Abdilla.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri ma setgħax jattendi

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppreseda s-seduta.

**MINUTI**

**9.1** *KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*

9.1.1 Fir-rigward ta' punt 8.10.5, is-Sindku qal li l-linji sofor li kienu saru fi Triq Kanonku Vincenz Balzan k/m Triq Napuljun kienu saru twal u għalhekk kien neħħiehom. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq qbil mill-Kunsill fl-aħħar seduta, tali linji reġgħu saru hekk kif ġew indikati minn Transport Malta.

9.1.2 Fir-rigward ta' punt 8.10.6, il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-ittra lill-Kunsill ta' Borgo Maggiore inkitbet u s-Sindku wieġeb għall-ittra permezz ta' telefonata diretta lill-Kunsillier Joseph D'Amato, fejn infurmah li l-Kunsill lest li jilqa d-delegazzjoni miż-Żurrieq fl-ewwel ġimgħa ta' Awwissu u lest li jagħti l-għajnuna tiegħu fuq trasport u gwida.

9.1.3 Fir-rigward ta' punt 8.10.8 il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-ittra li l-Kunsill kiteb liż-Żurrieq Wolves u lill-Malta Marathon ġiet imwieġbha mit-tnejn, fejn fil-qosor skużaw ruħhom għan-nuqqasijiet, talbu appoloġija u qalu li għal sena oħra ser jinbidlu l-affarijiet u ma jerġgħux jirrepetu ċertu nuqqasijiet.

Is-Sindku qal li n-nuqqasijiet li saru, kienu jsiru kull sena u dejjem ġew irripetuti avolja inġibdet l-attenzjoni. Hu żied jgħid li l-ebda organizzazjoni m'għandha tuża lill-Kunsill biex torganizza attivita' sabiex jonqsulha l-ispejjeż finanzjarji biss.

9.1.4 Fir-rigward ta' punt 8.10.10, il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa x'kienet it-tweġiba li l-Kunsill irċieva għat-talba li għamel fuq culvert li għandu jsir minn Triq San Mikiel għal Vjal il-Blue Grotto.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-Onorevoli Ministru Joe Mizzi wieġeb għall-email personalment u nforma li għas-sena 2016 il-Gvern ma kienx ser jagħmel tali xogħol għax ma kienx wieħed mill-prijoritajiet. Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet wieġbet lill-Onor. Ministru Joe Mizzi, billi rringrazzjatu tat-tweġiba u żieded titlob li tali xogħol ikun apprezzat li jiġi ikkunsidrat fil-budget li jmiss.

9.1.6 Ġew approvati l-minuti tat-tmien seduta.

## *9.2 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA U SOTTO KUMITATI KULTURA U TURIŻMU KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*

9.2.1 Ġew approvati l-minuti numru 19, tas-seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li saret il-bieraħ 15ta' Diċembru, 2015.

9.2.2 Ġew approvati l-minuti tas-Sotto Kumitat Turizmu, tal-Anzjani u tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ numru 6 u 7.

## *9.3 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR/ GAL XLOKK*

9.3.1 Ġew approvati l-minuti tar-Reġjun Nofsinhar numri 25, 26, 27 u 28 u l-minuti tal-Gal Xlokk numru 65 ġew approvati.

9.3.2 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li wara li jaqra l-minuti tar-Reġjun Nofsinhar, ma jarax x'valur għad għandu r-reġjun u ma jarax għalfejn il-fondi li l-Gvern jagħti lir-Reġjuni m' għandhomx jitqassmu lill-Kunsilli Lokali rispettivi.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq dejjem ħa fondi mill-iskemi li joħroġ ir-Reġjun Nofsinhar u ggwadanja finanzjarjament.

### *9.4 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*

9.4.1 Is-Sindku Ignatius Farrugia rringrazzja lill-Kunsillier Joseph D'Amato li flimkien mas-Sotto Kumitat Kultura, ħolqu l-inizjattiva ta' orkestra taż-Żurrieq, imma ma danakollu, illum ġie nfurmat li s-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM, infurmat lill-bandisti tagħha li ma jistgħux idoqqu ma banda oħra fir-raħal, inkluż dik tal-Kunsill Lokali.

F'dan il-punt is-Sindku ħalla f'idejn il-Kunsillier Joseph D'Amato biex jagħmel il-punt tiegħu fuq dan il-każ.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-għan prinċipali tal-orkestra tal-Kunsill Lokali, kienet li jagħqqad lir-raħal b'tema kulturali. Hu żied jgħid li xi jiem ilu l-orkestra kellha bżonn timpani għall-attivita' tal-Milied u għalhekk il-Kunsill talab liż-żewġ soċjetajiet taż-Żurrieq għall-għajnuna. L-għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria mill-ewwel, offriet wieħed mit-timpani tagħha, imma s-Surmast tal-orkestra qal li ma kienx tajjeb għall-użu li kellu bżonn hu. Is-Soċjeta Mużikali Santa Katarina intalbet darbtejn imma ma wieġbitx għat-talba.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ġie nfurmat minn persuna li s-Soċjeta Mużikali St Katarina, kitbet lilu dan li ġej:
*'Il-kumitat iddiskuta l-proposta u fuq li ġara fir-rigward ta' Borgo Maggiore, u fid-dawl li l-Kunsill qatt ma wieġeb għall-mistoqsijiet tas-soċjeta, il-Kumitat iħoss li ma jistax jilqa t-talba li jsellef strumenti biex jintużaw fl-attivitajiet tal-Kunsill Lokali'.*

Il-Kunsillier Joseph D'Amato żied jgħid li s-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM infurmat lill-bandisti tagħha dan li ġej ' *L-ebda bandist ma jista taht l-ebda raġuni jdoqq ma' banda ta' Soċjeta jew għaqda mużikali oħra fl-istess raħal. Il-Kumitat jixtieq jgħarraf illi dan ir-regolament japplika wkoll fir-rigward tal-Orkestra tal-Kunsill Lokali'.*

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-bandisti ta' din is-Soċjeta partikolari, qed ikunu direttament impeduti milli jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Kunsill Lokali u minħabba f'hekk bejn 8 u 10 bandisti mhux ser ikunu jistgħu jiffurmaw l-orkestra.

Kien hemm qbil unanimu li l-attivita' ssir xorta waħda, billi t-timpani offrietu soċjeta oħra barra miż-Żurrieq u permezz ta' bandisti oħra li jistgħu jingħaqdu mal-orkestra bi ħlas.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li din id-direttiva mis-Soċjeta' Mużikali St Katarina ħarġet il-bieraħ wara tliet snien li ilha imwaqqfa tali orkestra u li l-istess soċjeta qatt ma kienet oġġezzjonat għaliha.

Is-Sindku Ignatius Farrugia, f'dan il-punt qal li s-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM, fejn trid u meta jaqblilha hi tibbojkotja lill-Kunsill Lokali u lis-Sindku. Hu żied jgħid li fejn jidħlu attivitajiet li l-istess soċjeta' tieħu flus minnhom qatt ma bbojkotjathom. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill hemm bżonn li jieħu stand fuq dan u fis-seduta li jmiss għandu jitpoġġa item fuq l-aġenda fejn jiġi diskuss il-każ. Kien hemm qbil fuq dan.

9.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsll irċieva l-istima ta' resurfacing ta' toroq fiż-Żurrieq.
Triq il-Mitħna tal-Qaret Parti = €148,831
Triq il-Mitħna tal-Qaret Parti = €121,959
Vjal il-Blue Grotto (service road) = €90,189
Total tat- toroq kollha msemmija €360,980

Kien hemm qbil li jekk il-Kunsill ifaddal u jibbaġitja tajjeb il-fondi, dawn it-toroq jistgħu jsiru sal-aħħar tal-leġislatura.

9.4.3 Inġabru stimi ta' platti tal-ħġieg bl-arma taż-Żurrieq – minn Mdina Glass li ser jiġu jiswew €18.50 vat inkluż.

Kien hemm qbil li l-Kunsillier David Abdilla jiġbor samples ta' tip ta' souviniers oħra.

9.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill:

- Vjal l-Indipendenza hemm ilmenti li l-vetturi qed jagħddu b'veloċita' eċċessiva u r-residenti qed jitolbu sleeping policeman jew CCTV jew it-triq issir one way.

Ma kienx hemm qbil fuq dan

- Il-Perit Lewis ressaq traffic Management plan għall-

Vjal l-Indipendenza fil-parti tan-naħa tax-Xarolla.

Kien hemm qbil li x-xogħol jiġi ordnat.

- Talba biex issir tabella 'No entry for heavy vehicles' jew issir sleeping policeman fi Triq Gwann Camilleri

  Ma kienx hemm qbil fuq dan.

- Isir traffic managemnt fi Triq Dun Mikiel d'Amato

Ma kienx hemm qbil fuq dan.

- Issir give way fi Triq il-Mitħna

Kien hemm qbil fuq dan.

- Isir hand rail fit-taraġ li minn Triq il-Barrieri jwasslek għal taħt iċ-ċint.

Kien hemm qbil fuq dan

9.4.5 Inġabret l-istima fuq ranep għal persuni b'diżabilta' biex jitpoġġew quddiem xi residenzi fil-bżonn. Il-Kunsill ser ikollu bżonn rapport mill-Perit ta' x'tip u daqs ta' ranep hemm bżonn. Dawn l-ispejjeż ser ikunu rimburżati lura mir-Reġjun Nofsinhar.

F'dan il-punt il-Viċi Sindku infurmat lill-Kunsill li ġabet permess mir-Reġjun Nofsinhar li tista torganizza attivita' għall-persuni b'diżabilita' u tali attivita' ser tkun iffinanzjata mir-Reġjun stess. Hi nfurmat li ser torganizza attivita' fil-palazz tal-President ta' Malta.

## 9.5 Ħaddiema IPSL u ETC

9.5.1 F'dan il-ħin kienu mistiedna li jattendu l-ħaddiema tal-IPSL u tal-ETC assenjati mal-Kunsill attendew għas-seduta, imma peress li kienu għadhom ma waslux kien hemm qbil li dan l-item isir meta jaslu l-ħaddiema.

## *9.6 Kuntratt Green Pak*

9.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet proposti li l-kumpanija

Green Pak bagħtet fuq is-sistema ra' reċiklaġġ. Hi nfurmat li kienet il-kumpanija Green Pak biss li offriet il-proposti tagħha meta l-Kunsill ħareġ sejħa liż-żewġ kumpaniji involuti.

Il-Kunsill lest li jiffirma l-ftehim mal-Kumpanija Green Pak għal sentejn – sal-20ta' Diċembru 2017.

**9.7** **PQ 21137**

9.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet mistoqsija Parlamentari numru 21137 – 'Jista' l-Ministru jikkunsidra li jsiru CCTV cameras fit-tul tal-Promenade ta' Triq Wied iż-Żurrieq, Żurrieq/Qrendi biex il-vandaliżmu fuq din il-Promenade jonqos?'

Kien hemm qbil unanimu ma dak li wieġbet is-Segretarju Eżekuttiv 'Is-CCTV ma tinvolvix biss it-twaħħil tagħha, imma l-moniteraġġ u l-manutenzjoni tagħha. Il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq għandu biss ġnien pubbliku wieħed li hu moniterat. Il-Kunsill s'issa ma ħassx il-bżonn li titwaħħal CCTV minħabba li ħadd ma rrapporta xi att vandalu fl-akwata u ħadd ma ssuġġerixxa tali pjan fil-Kunsill.'

***9.8*** **Kuntratt TCTC**

9.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet abbozz taq' kuntratt imressaq mill-kumpanija TCTC biex terġa torganizza korsijiet tal-IT f'Dar Mattia Preti fiż-Żurrieq.

Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ġibdet l-attenzjoni tal-kumpanija li l-avviż fuq il-leaflet li jitqassam bieb bieb m'għandux ikollu l-kelma 'B'Xejn' ġaladarba dawn il-korsijiet isiru bi ħlas.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet konferma mill-kumpanija li l-leaflets ser ikollhom il-prezz tal-kors fuqhom.

Kien hemm qbil li jsiru tali korsijiet, imma qabel il-Kunsill għandu jara il-leaflet li ser jitqassam fid-djar.

L-ammont dovut lill-kumpanija hu ta' €1,150 għal sena li jinkludi tagħlim għal 85 parteċipant, set up ta' ICT classroom u distribuzzjoni ta' flyers.

*9.9* ***Tender – Road Works and Other Related Works***

9.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kuntratt ta' Road Works and other related works ser jikadi fl-10 ta'Jannar, 2016 u jeħtieġ li jinħareġ avviż għal tender ġdida.

Kien hemm qbil fuq dan.

***9.10 Art fi Triq Gervase Matthew / Triq G M Callus***

9.10.1 Is-Sindku ressaq pjanta tal-art li l-Onorevoli Ministru Michael Falzon lest li joffri lill-Kunsill minflok dik ta' Triq Gervase Matthew. **Dok 1**.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Ministru biex il-Kunsill ikollu kollox uffiċċjali.

***9.11 Appell - GS67/08/15b Hortocultural works at Public Gardens and maintenance of soft areas using Environmentally friendly products and practices.***

9.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-Kuntrattur Callus Landscaping issottometta appell u dan tressaq mis-Segretarju Eżekuttiv lid-Dipartiment tal-Kuntratti. Il-proċess jinsab għaddej u sa issa l-Kunsill m'għandux data tal-laqgħa ta' meta ser jinsetma l-każ.

Ix-xogħol mill-Kumpanija Waste Collection Ltd spiċċa l-bieraħ 15 ta' Diċembru u sal-lum kienu għadhom ma inżabrux is-siġar ta' Triq Ferdinando Falzon u ta' Triq l-Arċipriet E Mifsud.

F'dan il-punt il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ħarġet mis-seduta (ħin 19:15)

***9.12 Ex-Uffiċċju tas-Sigurta Soċjali***

9.12.1 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li talab lid-Dipartiment xi mistoqsijiet fuq il-post tal-ex uffiċċju tas-Sigurta Soċjali u s'issa għad m'għandux tweġibiet. Kien hemm qbil li tali mistoqsijiet isur lis-Segretarjat inkarigat.

F'Dan il-ħin il-Kunsillier Kenneth Farrugia ħareġ mis-seduta (ħin 19:20)

**9.13 Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi**

9.13.1 Is-Sindku nforma li bejn is-7 u l-14 ta' Jannar ser ikun imsiefer u ser iħalli f'idejn il-pożizzjoni tal-Viċi Sindku

biex tmexxi.

9.13.2 Il-Viċi Sindku Rita Grima talbet biex tissemma triq għal Dun Zaren Tonna. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet il-profil tiegħu ħalli tkun tista tressaq it-talba.

9.13.3 Il-Kunsillier Jean Pierre Attard informa li hemm bżonn li titranġa l-bankina quddiem il-Farell Bathroom Centre. Kien hemm qbil li jsir l-ordni għax-xogħol.

9.13.4 Il-Kunsillier David Abdilla informa li hemm bżonn ta' refresh taż-zebra crossing fejn il-Mitħna tax-Xarolla. Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

9.13.4 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li jsir traffic management fi Triq Joseph L Zerafa minħabba li jkun hemm kunfużjoni ta' direzzjoni.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jinforma lill-Kumpanija Koptasin biex tagħmel dak meħtieġ.

9.13.5 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li parti minn Triq il-Kunċizzjoni issir no entry for heavy vehicles.
Ma kienx hemm qbil ma dan is-suġġeriment.

9.13.6 Il-Kunsillier Dino Bonnici nforma li ż-Żurrieq FC ser jorganizzaw car wash day nhar is-Sibt bejn it-8:00 u 16:00. Hu qal li dawn ser ikollhom bżonn żewġ parkeġġi riservati għall-attivita' fi Triq Dun Guzepp Zammit. Kien hemm qbil fuq dan.

9.13.7 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fi Triq il-Karmnu jkollu ħafna ilmenti li nies qed jagħddu bil-klieb tagħhom u ma jiġbrux il-ħmieġ li jħallu. Hu ssuġġerixxa li tinkiteb ittra u titqassam bieb bieb, fejn fiha l-Kunsill jitlob il-koperazzjoni tar-residenti biex:
min joħroġ bil-klieb jiġbor il-ħmieġ
min jaqbad lil xi ħadd li ma jiġborx il-ħmieġ wara l-kelb tiegħu jinforma lill-Kunsill
min lest li jindika post fejn jitwaħħal bin bl-awtorizzazzjoni tar-residenti, javviċina lill-Kunsill.

Kien hemm qbil fuq dan.

9.13.8 Il-Kunsillier Pierre Farrugia talab biex il-ħaddiema tal-IPSL jaqtgħu l-ħaxix minn Triq il-Wardija.
Kien hemm qbil fuq dan.

9.13.9 F’dan il-mument meta s-seduta waslet biex tispiċċa ġie nnutat li l-ħaddiema tal-IPSL u ETC li kienu avżati biex jattendu għas-seduta m’attendewx.
Kien hemm qbil li dan hu disrispett lejn il-Kunsill u każ bħal dan mhux aċċettabbli.
Is-Sindku qal li l-Kunsill imissu talabhom laqgħa waqt il-ħin tax-xogħol tagħhom u mhux filgħaxija.

Il-Kunsillier David Abdilla qal li dawn issejħu għas-seduta, għax is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ma waslux magħhom u baqgħu jagħtu ftit ħin f’servizz. Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qabel miegħu.

Il-Kunsillier Joseph D’Amato qal li l-Kunsill għandu jagħmel distinzjoni bejn il-ħaddiema tal-IPSL li suppost jaħdmu sal-16:30 u għandhom paga tajba u bejn il-ħaddiema tal-ETC li suppost jaħdmu sa’ 12:30 u għandhom paga miżerja. Hu żied jgħid li għalkemm ma qabilx li dawn kellhom jiġu msejħa fis-seduta, jħoss li għandu jsir xi ħaġa.

Kulħadd minbarra s-Sindku, qablu li l-ħin qasir li qed jagħtu sehemhom mhux aċċettabbli.

Is-Sindku waqqaf l-argument billi stieden lil min ried jitkellem u jiġbed l-attenzjoni tagħhom biex jiltaqa magħhom filgħodu.

## *9.14 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA’ PAGAMENTI*

9.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta’ pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta’ **€39,470.32**

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta’ pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Ignatius Farrugia, mill-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsilliera Jean Pierre Attard.

## *9.15 DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*

9.15.1 Il-laqgħa ntemmet b’dan l-item fuq l-aġenda fit-20:35. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 20ta’ Jannar, 2016 fis-6.00ta’ filgħaxija.

Konfermati, illum ______ ta’ Jannar, 2016.

| | |
|---|---|
| Ignatius Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |